**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT DR NATASHA GALEA SCIBERRAS**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Louise Calleja)**

**vs**

**Anthony Gafa**
**(ID 35479(M))**

***Omissis* 1**

***Omissis* 2**

***Omissis* 3**

**Illum, 30 ta' Ġunju 2021**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputati:

**Anthony Gafa**, ta' 30 sena, iben Anthony u Joan xebba Grech, imwieled Pieta` nhar it-23 Novembru 1978, residenti 41, Assumption Street, Marsa, u detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 35479(M);

***Omissis* 1**;

***Omissis* 2***;* u

***Omissis* 3**;

Akkużati talli fis-7 ta' Settembru 2007 u fix-xhur ta' qabel, fil-Marsa, b'diversi atti magħmulin minnhom fi żminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda:

1. Fil-fond *Tony's Corner* li jinsab Marsa Road, Marsa, ħadu sehem f'xi logħob ta' sogru li jintlagħab għall-flus jew valur ta' flus; jew ippermettew l-użu ta' post, jew inkoraġġew dak il-logħob, jew għalkemm ma kienux qegħdin jieħdu sehem f'xi logħba llegali, kienu sieħba ta' xi ġugatur f'xi logħba bħal dik, jew kienu preżenti filwaqt li kienet qegħda ssir xi logħba bħal dik;

2. Fl-istess dati, lok, ħinijiet u ċirkostanzi, operaw, ippromovew, biegħu jew ipparteċipaw fl-imsemmi fond, ċioe` *Tony's Corner* li jinsab Marsa Road, Marsa, jew b'xi mod għenu jew ħajjru l-operat, promozzjoni jew bejgħ ta' logħob fuq ir-riżultati ta' xi logħob li kien leġittimament organizzat barra minn Malta u dan mingħajr l-approvazzjoni bil-quddiem ta' l-Awtorita' konċernata;

3. Fl-istess dati, lok, ħinijiet u ċirkostanzi, għamlu jew ippruvaw jagħmlu jew b'xi mod kellhom x'jaqsmu ma' l-għemil ta' x'imħatra magħduda li għandha x'taqsam ma' xi logħba, sport jew ġrajja f'Malta jew x'imkien ieħor, jew li kienu preżenti fil-post fejn kienet qed issir x'imħatra bħal dik.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija, minbarra li tinfliġġi l-pieni stabbiliti mill-liġi, tordna lill-imsemmija persuni sabiex iħallsu l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti, jekk ikun il-każ, kif provdut fl-Artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali, kif ukoll tordna l-konfiska tal-oġġetti u l-flejjes kollha esebiti.

Rat illi ċ-ċitazzjoni odjerna ġiet ippreżentata mill-Prosekuzzjoni fir-Reġistru ta' din il-Qorti fis-sena 2008;

Rat illi din il-kawża ġiet assenjata lill-Maġistrat sedenti bl-assenjazzjoni tad-doveri tat-12 ta' Awwissu 2013;

Rat illi fis-seduta tas-16 ta' Ottubru 2014, l-Uffiċjal Prosekutur l-Ispettur Louise Calleja talbet is-separazzjoni tal-ġudizzju fil-konfront tal-imputati *Omissis* 1, *Omissis* 2 u *Omissis* 3[1] u ngħatat sentenza fil-konfront tagħhom minn din il-Qorti kif preseduta nhar is-17 ta' Marzu 2015;

Rat l-atti kollha tal-każ u d-dokumenti esebiti, inkluż il-kunsens tal-Avukat Ġenerali ai termini tal-Artikolu 74(2) tal-Att dwar Lotteriji u Logħob Ieħor,

[1] Ara a fol. 35 u 36 tal-proċess.

Kapitolu 438 tal-Liġijiet ta' Malta, liema kunsens, minkejja li jġib id-data tal-4 ta' Ġunju 2010, ġie esebit mill-Uffiċjal Prosekutur fis-seduta tas-17 ta' Marzu 2015[2];
Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-imputat ippreżentata minnu fir-Reġistru ta' din il-Qorti fis-26 ta' Frar 2019[3], kif ukoll in-nota ta' sottomissjonijiet tal-Kummissarju tal-Pulizija, wkoll ippreżentata fir-Reġistru ta' din il-Qorti fit-28 ta' Frar 2019[4];

Semgħet it-trattazzjoni ulterjuri tal-partijiet.

**Ikkunsidrat:**

Illi mill-atti ta' din il-proċedura jirriżulta illi l-imputat Anthony Gafa ġie akkużat b'diversi reati li huwa allegatament wettaq nhar is-7 ta' Settembru 2007 u fix-xhur ta' qabel, liema reati, fiż-żmien tal-każ odjern, kienu kkontemplati fil-każ tal-ewwel imputazzjoni, fl-Artikolu 46(1) tal-Kapitolu 400 tal-Liġijiet ta' Malta, fil-każ tat-tieni imputazzjoni, fil-Kapitolu 438 tal-Liġijiet ta' Malta u fil-każ tat-tielet imputazzjoni, fl-Artikolu 338(ii) tal-Kodiċi Kriminali.

Jirriżulta wkoll mill-atti proċesswali illi l-proċeduri odjerni ġew appuntanti għas-smiegħ għall-ewwel darba fis-seduta ta' din il-Qorti, kif diversement preseduta, tas-17 ta' Ottubru 2008, b'dan illi jirriżulta ulterjorment illi l-ewwel seduta quddiem din il-Qorti, kif preseduta, imżammet nhar id-19 ta' Novembru 2013, wara l-assenjazzjoni tad-doveri lill-Maġistrat sedenti, kif fuq ingħad. Sa dakinhar kienu għadhom ma nbdewx jinstemgħu l-provi u dan għaliex minkejja li l-Prosekuzzjoni ħarrket lill-imputat f'din l-istanza fis-sena 2008, il-kunsens tal-Avukat Ġenerali sabiex jittieħdu l-proċeduri odjerni fil-konfront tal-istess imputat ġie esebit mill-Prosekuzzjoni biss fis-seduta tas-17 ta' Marzu 2015, u dan meta jirriżulta wkoll illi dan il-kunsens iġib id-data tal-4 ta' Ġunju 2010.

Illi jirriżulta in oltre illi l-kunsens ta' l-Avukat Ġenerali ngħata ai termini tad-disposizzjonijiet tal-Att dwar Lotteriji u Logħob Ieħor (Kapitolu 438 tal-Liġijiet ta' Malta), u ċioe` l-liġi applikabbli fiż-żmien li fih ingħata tali kunsens, liema Att ġie sussegwentement imħassar bid-dħul fis-seħħ tal-Att XVI tas-sena 2018.

Il-Qorti ma tistax ma tikkummentax illi minkejja t-trapass ta' dawn is-snin kollha, il-Prosekuzzjoni seħħilha tressaq biss is-segwenti provi għall-kunsiderazzjoni ta' din il-Qorti:

---

[2] Ara a fol. 41 tal-proċess.
[3] Ara a fol. 68 sa 75 tal-proċess.
[4] Ara a fol. 77 sa 80 tal-proċess.

1. **L-Ispettur Louise Calleja** xehdet hekk:

“Xhud: Fis-7 ta’ Settembru 2007 jien kont stazzjonata l-Vice Squad u bhala parti mix-xoghol taghna kien li naghmlu tfittxijiet u spezzjonijiet f’certu postijiet fejn ikun hemm allegazzjoni li qed isir loghob illegali. Infatti ahna konna morna fil-post fejn indikat, fil-fond Tony’s Corner gewwa l-Marsa. Dan Gafa’ kien qed jiehu hsieb il-bar u persuni ohra kienu qeghdin fil-post indikat. Infatti ahna tkellmina mal-erbgha li huma u kont anke hadtilhom stqarrija fejn it-tlieta l-ohra li huma ndikati fl-akkuza, kienu qeghdin hemm hekk jippartecipaw bhala loghob jew il-presenza taghhom u Anthony Gafa’ kien qed jiehu hsieb il-bar in kwistjoni, Tony’s Bar

Qorti: Ma kienx hu li qed jorganizza l-loghob jigifieri?

Xhud : Le ma kienx hu.”[5]

2. **Alexis Falzon** in rappreżentanza tal-Awtorita` ezistenti dak iż-żmien *Malta Gaming Authority*, xehdet illi l-imputat ma kellux liċenzja fis-sena 2007.[6]

3. **Adrian Lia**, li fiż-żmien tal-każ odjern kien PS 656, addett mal-Ispettur Louise Calleja fl-Iskwadra kontra l-Vizzji, xehed illi ma jitfakar xejn dwar l-imputat jew dwar il-każ odjern.[7]

**Ikkunsidrat:**

Illi fir-rigward tat-tielet imputazzjoni, il-Qorti tirrileva illi din tikkontempla r-reat kontravvenzjonali taħt l-Artikolu 338(ii) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, preskrivibbli b’terminu ta’ tlett xhur. Mill-atti proċesswali jirriżulta kif ingħad illi ċ-ċitazzjoni odjerna ġiet ippreżentata fir-Reġistru ta’ din il-Qorti fis-sena 2008, u għalkemm mhux ċar f’liema jum din ġiet ippreżentatha, biss huwa evidenti li dan ma seħħx qabel il-25 ta’ April 2008, ossia d-data li fiha l-istess ċitazzjoni tidher li ġiet iffirmatha mill-Ispettur Louise Calleja. Għalhekk huwa daqstant evidenti illi l-imputat ma ġiex notifikat biċ-ċitazzjoni odjerna fi żmien tliet xhur mid-data li għaliha tirreferi l-istess imputazzjoni u għaldaqstant isegwi illi l-azzjoni dwar din l-imputazzjoni hija preskritta ai termini tal-Artikolu 688(f) tal-Kodiċi Kriminali.

---

[5] Ara a fol. 46 sa 48 tal-proċess.
[6] Ara a fol. 49 u 50 tal-proċess.
[7] Ara a fol. 58 sa 61 tal-proċess.

Il-Qorti tinnota wkoll illi fir-rigward tal-ewwel imputazzjoni li tikkontempla r-reat taħt l-Artikolu 46(1) tal-Kap. 400 tal-Liġijiet ta' Malta, illum imħassar bis-saħħa tal-Att XVI tas-sena 2018, il-Prosekuzzjoni baqgħet ma esebietx il-kunsens tal-Avukat Ġenerali ai termini tal-Artikolu 48 tal-istess Kap. 400. Skont dan l-artikolu, l-ebda proċediment dwar reat taħt l-imsemmi Att m'għandu jibda mingħajr il-permess tal-Avukat Ġenerali. Għalkemm dan il-każ jirrisali għas-sena 2007, il-Qorti baqgħet sprovvista minn dan il-permess. Isegwi għalhekk illi l-Prosekuzzjoni ma setgħetx tmexxi bi proċeduri kontra l-imputat għal reat taħt il-Kapitolu 400 fin-nuqqas ta' dan il-permess, li huwa rikjest mil-ligi *ab initio* u *ad validitatem* u wisq inqas tista' l-Qorti tieħu konjizzjoni tal-ewwel imputazzjoni. Għaldaqstant, il-Qorti ser tastjeni milli tieħu konjizzjoni ta' din l-imputazzjoni.

Fir-rigward tat-tieni imputazzjoni, imbagħad, għar-raġunijiet li ser jiġu spjegati, il-Qorti ma jidhrilhiex illi hemm il-ħtieġa li tidħol fil-kwistjoni mqajjma mid-difiża dwar jekk ir-reat ikkontemplat f'din l-imputazzjoni ġiex imħassar o meno bid-dħul fis-seħħ tal-Att XVI tas-sena 2018 u jekk għalhekk l-imputat jistax jinstab ħati ta' din l-imputazzjoni fid-dawl ta' dan.

Wara li rat u kkunsidrat il-provi prodotti in sostenn ta' din l-imputazzjoni miġjuba kontra l-imputat, tqis gratwiti u ażżardati s-sottomissjonijiet imressqa mill-Prosekuzzjoni, u dan b'mod partikolari s-sottomissjoni fis-sens illi x-xhieda tal-Uffiċjal Prosekutur f'dan il-każ tikkostitwixxi prova ta' xi fatt inkriminanti u li l-provi skarni għall-aħħar prodotti f'dawn il-proċeduri penali jikkostitwixxu prova li ma tħalli ebda dubju dettat mir-raġuni dwar ir-reita` tal-imputat.

Il-Qorti tiddikjara mingħajr tlaqliq illi ma tistax tifhem kif il-Prosekuzzjoni tippretendi eżitu pożittiv fil-proċeduri tal-lum meta l-unika prova li l-Qorti tista' tittenta torbot fuqha hija xejn aktar ħlief ix-xhieda skarna tal-Uffiċjal Prosekutur, li ġiet riprodotta *supra* fil-partijiet relevanti tagħha. F'din ix-xhieda, l-istess Uffiċjal Prosekutur, minkejja li kienet preżenti għat-tfittxija in kwistjoni, la tgħid x'kien hemm, x'rat u x'sabet fil-ħanut in kwistjoni, la tgħid x'ġie elevat, jekk dan kien il-każ, u ma tagħti l-ebda dettall li jista' jkun relevanti għall-każ odjern. Lanqas ma ttellgħu jixhdu Uffiċjali tal-Pulizija oħrajn – għajr għall-ex PS 656 Adrian Lia li ma ftakar proprju xejn – li setgħu kienu nvoluti f'din it-tfittxija jew terzi persuni li kienu preżenti u li fil-konfront tagħhom ġie deċiż il-każ u ngħatat sentenza. In oltre għalkemm l-Uffiċjal Prosekutur tixhed illi ttieħdet stqarrija lill-imputat odjern, minkejja li llum il-ġurnata din hija inammissibbli bħala prova, tali stqarrija baqgħet ma ġietx esebita fil-mori ta' dawn il-proċeduri.

Ulterjorment gravuż huwa l-fatt illi kien biss fin-nota ta' sottomissjonijiet tal-Prosekuzzjoni li ssir referenza għal ċertu fatti, fosthom għall-imħatri fuq tiġrijiet ta' żwiemel f'korsi barranin li allegatament kienu qegħdin jintwerew fuq

*monitors* fil-fond *Tony's Corner*. Il-Prosekuzzjoni għażlet li tagħmel referenza għal dawn iċ-ċirkostanzi wara l-għeluq tal-provi tagħha u fl-istadju tas-sottomissjonijiet finali, bħal li kieku, il-Qorti tista' tieħu konjizzjoni tagħhom u tqishom bħala prova f'dawn il-proċeduri. Dan ċertament illi mhuwiex l-iskop tas-sottomissjonijiet tal-partijiet f'kawża li għandu jkollhom bħala parametri l-akkuży dedotti u l-provi li jitressqu mill-partijiet fil-mori tal-proċeduri – fil-każ tal-Prosekuzzjoni sal-istadju tal-għeluq tal-provi tagħha u mhux permezz tan-nota ta' sottomissjonijiet bħal biex tagħmel tajjeb għan-nuqqasijiet tagħha matul l-istadju tas-smiegħ tal-provi. Wara kollox ma kien hemm xejn x'jimpedixxi lill-Uffiċjal Prosekutur milli tixhed dwar iċ-ċirkostanzi li tagħmel referenza għalihom meta xehdet f'dawn il-proċeduri, la darba hija wkoll kienet preżenti għat-tfittxija in kwistjoni.

F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Qorti tqis illi l-Prosekuzzjoni ma ressqitx prova sodisfaċenti in sostenn tat-tieni imputazzjoni miġjuba kontra l-imputat.

**Konklużjoni**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti fil-waqt illi tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-ewwel imputazzjoni miġjuba kontra l-imputat, wara li rat l-Artikoli 338(ii) u 688(f) tal-Kodiċi Kriminali, tiddikjara l-azzjoni dwar it-tielet imputazzjoni bħala preskritta u għaldaqstant tillibera lill-imputat **Anthony Gafa** minn kull ħtija u piena fir-rigward tal-istess u in oltre issib lill-istess imputat mhux ħati tat-tieni imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu u tilliberah minnha.

Natasha Galea Sciberras
Maġistrat